**25 ta' Ottubru, 1985**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija (Spettur David Stubbings)

*versus*

Massimo Gorla u b'nota ta' l-14 ta' Ottubru, 1985 l-Avukat Francis Zammit Dimech assuma l-atti minflok Massimo Gorla

**Avukat - Membru tal-Parlament - Patroċinju - Kawża Kostituzzjonali - Smigħ Xieraq - Ġustizzja Naturali Kap. 12 Art. 79 (2) u (3).**

*Avukat li kien prekluż skond il-liġi milli jipparroċinja klijent f'kawża kostituzzjonali, kellu d-dritt jisher f'dik il-kawża kostituzzjonali, kellu d-dritt jidher f'dik il-kawża anke biex jagħmel sottomissjonijiet dwar l-inkostituzzjonalità ta' tali provvediment. Id-dritt ta' l-avukat li jidher fil-kawża jibqa' sħiħ sakemm ma jiġix deċiż il-kuntrarju.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-6 ta' Marzu, 1985, fejn qal illi *nonostante* d-divjet tal-liġi, Dottor Guido De Marco tħalla jagħmel sottomissjonijiet lill-Qorti u tħalla jagħmel verbal fl-atti tal-kawża, u għalhekk ir-rikorrenti talab lill-Qorti tiddekreta a termina ta' l-Artikolu 77 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili li l-Avukat Dottor Guido De Marco li hu membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti, ma jistax jidher f'din il-kawża;

Rat in-nota ta' l-Avukat Dottor Francis Zammit Dimech li biha assuma l-atti f'din il-kawża għan-nom u in rappreżentanza ta' Massima Gorla, skond prokura ammessa ma' l-istess nota;

Rat il-verbal tat-8 (tmienja) ta' Marzu, 1985 fejn, fost affarijiet oħra, Dottor Francis Zammit Dimech, ta' ruħu

b'notifikat bir-rikors imsemmi u bl-atti tal-kawża;

Rat in-nota responsiva ta' Massimo Gorla, kif rappreżentat, fejn qal, fost affarijiet oħra, li l-Artikolu 77(3)(a) fuq imsemmi jirriferixxi għall-proċediment fejn waħda mill-partijiet tkun Ministru, kap ta' Dipartiment jew persuna li tirrappreżenta l-Gvern jew tkun Kummissjoni jew Awtorità mwaqqfa b'xi liġi jew bis-saħħa tagħha (u dan barra minn proċediment ta' natura Kriminali) u li l-kelma "Awtorità" qiegħda fil-kuntest tar-regola ta' l "*ejusdem generis*" mal-kelma "Kummissjoni", u li peress li din il-liġi hija waħda ta' natura restrittiva ta' professjoni li għaliha persuna tkun ikkwalifikat, l-interpretazzjoni tagħha għandha tkun ristretta;

Rat in-nota ta' l-Avukat tar-Repubblika Anzjan, Dottor Vincent DeGaetano, li biha informa l-Qorti li qed jirtira minn din l-Awla sabiex bl-ebda mod ma jkun jidher li hu qed jaderixxi jew taċitament japprova l-aġir illegali ta' l-Avukat Dottor Guido Demarco, li ma jistax jidher bħala Avukat minħabba d-divjet ta' l-Artikolu 77 tal-Kap. 15;

Illi l-kwistjoni dwar jekk l-Avukat Dottor Guido Demarco jistax jidher bħala Avukat f'din il-kawża, in vista ta' l-imsemmi Artikolu 77(3)(a), għandha żewġ stadji. L-ewwel stadju huwa dak li fih tiġi ttrattata l-kwistjoni jekk l-Avukat li huwa wkoll membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti, huwiex prekluż li jidher, u t-tieni stadju, ċjoè dak wara li l-Qorti ddeċidiet jekk il-kawża hijiex waħda fejn dan jista' jew ma jistax jidher biex imexxi u jittratta l-kawża fil-meritu;

Din il-Qorti tħoss li fl-ewwel stadju tal-kwistjoni, u ċjoè meta għadha tkun qed tiġi ttrattata l-kwistjoni jekk l-Avukat li

jkun għandux jiġi prekluż jew le, l-istess Avukat għandu d-dritt li jidher u jittratta fuq din il-kwistjoni li tolqot lilu u lilu biss. A parti l-fatt li f'dan l-istadju tal-kwistjoni hemm il-preżunzjoni li l-Avukat li jkun għandu d-dritt jidher u jittratta bħala Avukat sa kemm ma jkunx ġie deċiż il-kuntrarju, ,f'dan l-ewwel stadju m'hemmx l-ebda waħda mill-persuni jew awtoritatjiet imsemmija fl-artikolu involuti, hemm biss involut l-Avukat li jkun. Dan għandu dritt naturali, li huwa wieħed mill-prinċipji elementari tal-ġustizzja, li jidher u jittratta din il-kwistjoni li tolqot lilu;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla ta' l-Qorti Ċivili tad-19 ta' Marzu, 1985, li biha ċaħdet it-talba tal-Kummissarju tal-Pulizija fuq imsemmi; ordnat l-isfilz tan-nota ta' l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika tat-12 ta' Marzu, 1985;

Iddikjarat illi l-aġir ta' l-istess Avukat Dottor Guido Demarco restrittivament għat-trattazzjoni ta' l-ewwel aspett tal-kwistjoni kif fuq imsemmi huwa illlegali; u ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni, dejjem restrittivament għall-kwistjoni jekk id-dispost ta' l-artikolu 77(3)(a) tal-Kapitolu 15, japplikax f'din il-kawża għall-Avukat Dottor Guido Demarco, għas-26 ta' Marzu, 1985 fid-9 a.m. u dan kollu wara li dik l-Onorabbli Qorti kkonsidrat dan li ġej:

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni hawn appellata tal-Prima'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Marzu, 1985 u minflok -

(a) tordna li n-nota ta' l-Avukat tar-Repubblika Anzjan tat-12 ta' Marzu, 1985, għandha tibqa' tifforma parti mill-atti

tal-proċess ta' din il-kawża;

(b) tordna l-isfilz tan-nota responsiva ta' Massimo Gorla tat-12 ta' Marzu, 1985.

(ċ) tiddikjara u tiddeċidi li l-Avukat Dr. Guido Demarco ma jistax jeżerċita l-professjoni ta' Avukat f'din il-kawża.

Rat in nota ta' Dr. Francis Zammit Dimech ippreżentata fl-udjenza ta' l-14 ta' Ottubru, 1985, li biha assuma l-atti minflok Masssima Gorla assenti minn dawn il-Gżejjer;

Rat l-atti kollha li huma rilevanti u opportuni:

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Illi fl-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda d-distinzjoni li l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet bejn żewġ stadji għall-fini ta' l-applikazzjoni *o meno* ta' l-artikolu 77(2)(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-argument bażi ta' l-appellant hu fis-sens illi l-artikolu 77(2)(3) tal-Kapitoli 15 ma jagħmel ebda distinzjoni bejn stadju jew ieħor tal-kawża. Skond l-appellant Dr Demarco ma hux avukat, la fi stadju wieħed u anqas fi stadju ieħor;

L-appellant isostni wkoll fir-rigward illi ma teżisti ebda preżunzjoni li fl-ewwel stadju l-Avukat li jkun għandu d-dritt li jidher u jittratta bħala avukat sakemm ma jkunx ġie deċiż il-kuntrarju. Skond l-appellant jekk hemm xi preżunzjoni din hija fis-sens oppost u ċioè li f'kull kawża fejn hemm element

uffiċjali kull avukat li huwa wkoll membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti huw prekluż milli jeżerċita l-professjoni ta' avukat f'dik il-kawża sakemm ma jiġix deċiż il-kuntrarju;

Ikkunsidrat:

Illi skond l-artikolu 77(1) tal-Kap. 15 ebda persuna ma tista' teżerċita l-professjoni ta' avukat mingħajr l-awtorità tal-President tar-Repubblika ta' Malta mogħti b'*warrant* . Dan iffisser li meta persuna jkollha f'idha l-imsemmi *warrant* , il-preżunzjoni li hija tista' teżerċita l-professjoni ta' avukat u dan kuntrarjament għal dak li ssottometta l-appellant;

L-artikolu 77(2)(3) tal-Kap. 15 jagħmel eċċezzjonijiet għall-imsemmija preżunzjoni u jgħid li f'ċerti każijiet il-persuna li favur tagħha jkun jeżisti l-imsemmi *warrant* ma jkunx jista' jeżerċita l-professjoni ta' Avukat;

Il-kwistjoni quddiem l-ewwel Qorti kienet tirrigwarda biss jekk l-avukat Dr. Demarco setgħax jew le jeżerċita l-professjoni ta' avukat f'din il-kawża in vista ta' l-imsemmi artikolu 77 tal-Kap. 15. Għalhekk *stante* li hu fatt inkontrastat li Dr. Demarco hu membru Parlamentari dak li ried jiġi deċiż fl-istadju li kellha quddiemha l-ewwel Qorti kien jekk il-kawża preżenti hix waħda minn dawn il-każijiet stabbiliti bħala eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali kkontenuta fis-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 77 tal-Kap. 15 kif previst fis-sub-artikolu (3) ta' l-istess artikolu. F'dak l-istadju Dr. Demarco ma kienx qed jippretendi li għandu dritt jeżerċita l-professjoni tiegħu kontra l-liġi iżda li dan ma kienx wieħed mill-każi fejn hu prekluż milli jeżerċita l-professjoni tiegħu. F'dan is-sens kien qed jiddefendi d-dritt tiegħu li jeżerċita l-professjoni ta' avukat jekk *una volta* dan

id-dritt jeżisti fil-każ in diżamina; kien fi kliem ieħor qed jinvoka l-applikazzjoni tal-preżunzjoni msemmija favurih billi jipprova li l-eċċezzjonijiet kkontemplati bl-artikolu 77(2)(3) mhux applikabbli f'dil-kawża;

F'dan ir-rigward jiġi rrilevat li f'ebda hin l-ewwel Qorti ma ddeċidiet il-vertenza jekk Dr. Demarco fil-każ preżenti jistax jew le jeżerċita l-professjoni ta' avukat imma ddeċidiet biss li Dr. Demarco, u fil-verità, kull avukat ieħor, għandu d-dritt jiddiskuti u jagħmel is-sottomissjonijiet opportuni dwar jekk xi każ determinat huwiex wieħed minn dawk ikkontemplati fis-subartikolu (3) ta' l-Art. 77 tal-Kap. 15. Għal raġunijiet ovvji din il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward;

Il-Qorti trid tagħmilha ċara illi l-kwistjoni dwar jekk Dr. Demarco jistax jeżerċita l-professjoni ta' avukat f'din il-kawża ma ġietx deċiża mill-ewwel Qorti u għalhekk ma tista' bl-ebda mod tifforma parti mill-meritu ta' dan l-appell. L-ewwel Qorti ddeċidiet biss, u dan taqbel miegħu din il-Qorti li Dr. Demarco għandu d-dritt jissottometti r-raġunijiet tiegħu 'l għala jista' jeżerċita l-professjoni tiegħu ta' avukat f'din il-kawża u dan hu dak li jifforma l-meritu ta' dan l-appell;

Dwar it-talba ta' l-appellant li n-nota tiegħu tat-12 ta' Marzu, 1985, għandha tibqa' tifforma parti mill-atti tal-proċess din il-Qorti fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma tħossx li għandha tiddisturba d-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward;

Kwantu għat-talba ta' l-appellant għall-isfilz tan-nota responsiva tal-kontroparti tat-12 ta' Marzu, 1985 *stante* dak li diġà ġie rrilevat, u *stante* li din in-nota tirrigwarda biss

sottomissjonijiet ta' l-avukat Demarco biex isostni t-teżi tiegħu li jista' *jeżerċita* l-professjoni tiegħu f'din il-kawża, fil-fehma ta' din il-Qorti l-istess talba m'għandhiex tiġi milqugħa;

Għal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tiddiċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni appellata bl-ispejjeż kontra l-appellant.